MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## CAMILLERI GINO LL.D.

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Citazzjoni Numru. 289/2001/1

**Citazzjoni numru 289/01 GC**

**Francis Brincat**

**vs**

**Newark Refrigeration Air Conditioning Engineering Company Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi bi skrittura tat-30 ta' Settembru, 1994 l-istanti kera lis-socjeta' konvenuta l-hanut, 86 Luqa Road, Paola, b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet hemm stipulati fosthom bil-kera

ta' tliet liri (Lm3.00) kuljum rivedibbli kull tliet snin (Art 3) u li "f'kaz ta' morozita' ta' zewg skadenzi kera u jibqa' hekk moruz ghal aktar minn hmistax il-jum min-notifika lilu ta' ittra ufficjali, is-sid ikollu d-dritt li jittermina l-kirja";

Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici ta' l-attur fis-somma ta' elfejn mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin (Lm2242.00), kera ta' seba' skadenzi trimestrali li jkopru l-perijodu mill-1 ta' Gunju 1999, sat-28 ta' Frar, 2001, bir-rata ta' tliet liri u tletin centezmu (LM3.30) kuljum mill-1 ta' Gunju, 1999, sal-31 ta' Mejju, 2000 u tliet liri u tlieta u sittin centezmu (LM3.63) kuljum mill-1 ta' Gunju, 2000, sat-28 ta' Frar 2001;

Illi ghalkemm interpellata b'ittra ufficjali tat-3 ta' Jannar 2001, is-socjeta' konvenuta baqghet ma hallsitx il-kera dovuta;

Illi jirrikorru l-elementi tal-Art. 167 et seq tal-Kap. 12 biex il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh;

Ghalhekk l-attur talab li s-socjeta konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex, bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-Art 167 et seq tal-Kap 12:-

1. Tikkundannaha thallas lill-attur is-somma ta' elfejn, mitejn u tnejn u erbghin lira Maltin (LM2242.00), seba' skadenzi trimestrali ta' kera li jkopru l-perjodu mill-1 ta' Gunju 1999 sat-28 ta' Frar 2001;

2. Tiddikjara terminata l-kirja tal-fond 86, Luqa Road, Paola u dana a tenur tal-Art. 10 tal-fuq imsemmi kuntratt (Dok.A) u konsegwentement tiffissa terminu qasir u perentorju biex is-socjeta' konvenuta tizgombra mill-istess fond u tirrilaxxja l-pussess liberu a favur ta' l-attur, ta' l-istess fond;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-3 ta' Jannar, 2001, kontra s-socjeta' konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni tal-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta fejn gie eccepit :-

1 Illi s-socjeta’ konvenuta m’ghandhiex thallas l-ammont pretiz mill-attur billi l-ammont mitlub fic-citazzjoni mhux korett;

2 Illi mill-1 ta’ Jannar 1995 l-attur qatt ma ta lis-socjeta’ konvenuta ricevuta fiskali ghall-hlasijiet li ghamlet u li allura l-istess socjeta’ konvenuta qatt ma steghet tirkupra t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud imhallas minnha;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta’ konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota tal-attur tas-27 ta’Mejju 2002 li biha t-talba giet ridotta b’hames mija u hamsin lira maltin (LM550) stante pagament mis-socjeta’ konvenuta u ghalhekk issa t-talba hi ghas-somma ta’ elf sitt mija u tnejn u disghin liri maltin (Lm1692);

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2002 minn fejn jirrizulta li l-attur iddikjara li fl-24 ta’ Gubju 2002 il-konvenuti rritornaw ic-cwievet tal-fond in kwestjoni u ghalhekk issa l-istess fond jinsab fil-pussess tal-attur;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat l-imsemmi verbal tas-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2002;

Ikkonsidrat:

In vista ta’ dak li gie dikjarat mill-attur fil-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Ottubru 2002, it-tieni talba tal-attur tirrizulta esawrita u ghalhekk mhux il-kaz li l-istess talba tigi esaminata u deciza;

L-ewwel talba tal-attur kif ridotta tirrizulta gustifikata u ghalhekk ghandha tigi akkolta;

Is-socjeta konvenuta naqsaet li tipproduci porovi in sostenn ta’ dak li gie sottomess minnha fin-nota tal-eccezzjonijiet u ghahhekk zgur li l-istess eccezzjonijiet ma jirrizultawx pruvati;

Ghal dawn il-motivi :

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta u fit-tieni lok billi tilqa l-ewwel talba tal-attur kif ridotta u tikkundanna s-socjeta konvenuta thallas lill-attur is-somma ta’ elf sitt mija u tnejn u disghin liri maltin (Lm1692) bilanc ta’ somma akbar dovuta ghal skadenzi trimestrali ta’ kera li jkopru l-perjodu mill-1 ta’ Gunju 1999 sat-28 ta’ Frar 2001 u dana bl-imghaxxxijiet kollha legali sad-data tal-efettiv pagament;

Spejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.